# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002.**

**Numru 27**

**Citaz.  numru 1031/01 DS**

Executive Services Limited
Vs
Raworth Country Furniture Co. Ltd.

Illum, 12 ta' Lulju 2002.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-8 ta' Gunju 2001 fejn is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' elf seba' mija u sitt liri Maltin u sitt centezmi (Lm1,706.06) bilanc ta' somma akbar, rappresentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar u servizzi ohra relatati u dan skond istruzzjonijiet taghhom.

Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta konvenuta baqat inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

Talbet lil din il-Qorti:

1. taqta u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh.

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija u sitt liri Maltin u sitt centezmi (Lm1,706.06) dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ic-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata  baqghet kontumacja;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Anthony Vella li kkonferma illi sallum is-somma pretiza skond ic-citazzjoni ghada dovuta;

Ghal dawn il-motivi:

Tideciedi billi tilqa' t-talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1706.06 kif mitlub.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta kif mitlub.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**